

**It-Tielet Ħadd tar-Randan**
Il-Ħadd 12 ta' Marzu 2023

# Aħbar Tajba

Eż 17, 3-7
Salm 94 (95), 1-2.6-7.8-9
Rum 5, 1-2.5-8
Ġw 4, 5-42

"Min jixrob mill-ilma li nagħtih jien qatt iżjed ma jkun bil-għatx.
**L-ilma li nagħtih jien isir fih għajn tal-ilma li jwassal sal-ħajja ta' dejjem."**

Qatt kont waqt xi mixja twila fil-kampanja u f'nofsha tinduna li spiċċalek l-ilma? Kif ħassejtek? Innutajt li tibda tħoss l-għatx jiżdied f'daqqa waħda? Imma x'tagħmel jekk ma jkollokx ilma? Probabbilment, jekk ikun hemm xi persuni oħra, tistaqsihom jekk jistgħux jaqsmu ftit mill-ilma tagħhom miegħek. Dan għaliex, bħal kull ħlejqa oħra ħajja, għandna bżonn l-ilma.

Tant hu kbir dan il-bżonn tagħna li ġieli tisma' lil min juża l-espressjoni, 'Għandi bżonnha daqs l-ilma!' meta jkollu bżonn kbir ta' xi ħaġa, għax l-ilma hu fost l-aktar affarijiet li għandna bżonn biex nibqgħu b'saħħitna.

L-Evanġelju tal-lum se jlaqqagħna ma' persuna li naqasha l-ilma. Ġesù kien għadu kif wasal is-Samarija. Kien għajjien bil-mixi u qagħad bilqiegħda ħdejn bir. Ħin minnhom ġiet waħda Sammaritana biex timla l-ilma u Ġesù talabha biex jixrob mill-ilma li se ttella' mill-bir. Imma s-Sammaritani u l-Lhud ma kinux jitkellmu. Minħabba affarijiet li ġraw żmien qabel, il-firda bejn dawn iż-żewġ popli kienet kbira u allura l-kliem ta' Ġesù ssorprendieha.

Imma Ġesù ma jieqafx hawn. Mhux talli jkompli jitkellem magħha, imma jgħinha fil-ħajja tagħha. Quddiem il-ħarsa sorpriża tas-Sammaritana Ġesù jtenni: "Kieku kont taf... min hu dak li qiegħed jgħidlek 'Agħtini nixrob,' kieku int kont titolbu, u hu kien jagħtik ilma ħaj." X'ried jgħid Ġesù b'dan il-kliem? Din il-mara kienet qabdet triq ħażina f'ħajjitha u allura Ġesù jieħu l-okkażjoni biex juriha li hemm affarijiet oħra li għandna bżonnhom daqs l-ilma. U jekk fil-bidu tal-ġrajja naraw lis-Sammaritana qisha trid taħrab lil Ġesù, is-silta tispiċċa biha tgħid lin-nies l-oħra tal-belt li kienet iltaqet mal-mistenni Messija. Ġesù kien laqqagħha ma' Alla – dak li għandna bżonnu daqs l-ilma f'ħajjitna – u kif aċċettatu, ħajjitha ħadet sens ġdid.

Ejjew nitgħallmu mis-Sammaritana tas-silta u fil-jiem tagħna nsibu ħin għal Alla billi nitolbu, nieħdu sehem fil-quddies u nattendu xi grupp bħall-MUSEUM jew iż-ŻAK. Fuq kollox ejjew nippruvaw inkunu persuni li b'dak li nagħmlu nogħġbu lis-Sinjur Alla. Ma ninsewx, li għandna bżonn lil Alla daqs l-ilma!

**Għin lis-Sammaritana ssib it-triq lejn il-bir fejn Ġesù qiegħed jistrieħ mill-mixja twila li kellu.**



# “Min jixrob mill-ilma li nagħtih jien qatt iżjed ma jkun bil-għatx. L-ilma li nagħtih jien isir fih għajn tal-ilma li jwassal sal-ħajja ta’ dejjem.”



## X'valuri nħaddan?

Xi ħaġa li fiha valur hi dik li tikkonsidraha worth it li jkollok. Ħafna nies lesti jagħtu ħin, flus, attenzjoni u aktar biex ikollhom dik il-ħaġa li jaraw li jaqbel li jkollhom....li fiha valur. Mhux kulħadd jaqbel fuq il-valuri. Imma min hu Nisrani jfassal ħajtu fuq dak li pproponielna Ġesù stess.

Ġesù fehemna fuqhom għaliex jaqblilna nħaddnuhom. Alla jkun wisq imfaħħar u jitpaxxa b'min jimxi ma' dawn il-valuri: il-valuri tal- Vanġelu. Għaldaqstant dawn il-valuri jgħinuna ngħixu aħjar bħala ċittadini. Bihom intejbu r-relazzjonijiet kemm fil-familja u fis-soċjetà.

L-imħabba hi l-aqwa valur li nsibu fil-Vanġelu. "Ħobb lill-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha, u b'moħħok kollu...
Ħobb lil għajrek bħalek innifsek" (Mt 22, 37-39).

Mela aħna mitlubin nagħtu ġieħ b'kull mod possibbli lil Alla tagħna. Alla li jħobbna qabel ma nħobbuh aħna. Alla li jagħder u jħenn. Alla li jweżinna fil-mumenti ta' nkwiet, fil-mard, niket u qtiegħ il-qalb. Alla li jistenniena, jissaportina u li jemmen fina.

Dan jixtieqna nagħmluh ukoll mal-proxxmu tagħna. Inħobbu lil ħaddieħor daqs kemm inħobbu lilna nfusna. Iebsa din! Speċjalment meta ma naqblux. Imma Alla jagħraf kull sforz żgħir li nagħmlu biex intejbu l-ħajja u naħdmu għal dinja aħjar.

Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.





**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**
**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

SAY IT!
www.sayitmalta.com
32, Tarxien rd Paola

mediacentre
design • video production • animation • publishing • web





**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq
Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com

**AĦBAR TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre YOUTHEME FOUNDATION